# PATRI LEOPOLDU TABONE OFM KAP.
## 50 sena fis-saċerdozju

**Jikteb Mario Attard**

*Fit-2 ta' April 1949 ħa l-ewwel quddiesa tiegħu Patri Leopoldu Tabone. Illum, ħamsin sena wara, qiegħed ifakkar din l-okkażjoni sabiħa. B'dan il-ħsieb żort lil Patri Leopoldu fil-Kunvent ta' Sant'Antnin, Kordin, u ksibt it-tagħrif li ġej.*

**It-tfulija**

Leopoldu twieled ġewwa Bormla nhar is-7 ta' Settembru, 1924 fi Triq Santa Tereża (illum Triq il-Pellegrinaġġ). Eżattament huwa kien joqgħod bejn il-parroċċa u Sta. Liena. Bħala tifel, serva ta' abbati fil-parroċċa ta' Bormla. Dan is-servizz kien il-bidu tal-ħajra tiegħu li jsir qassis kif ukoll il-ħolma ta' missieru. Qatt iżda ma kien għaddielu minn moħħu li jsir patri fi ħdan il-Kapuċċini. Huwa kien l-ikbar wild, u għandu ħuh ieħor Kapuċċin, Patri Krispin.



Wara li kienu joqogħdu fi Triq Santa Tereża, marru joqogħdu fuq San Pawl (fejn il-Posta) wara li kienet mietet nanntu. Il-familja tiegħu fil-gwerra kienet rifuġjata fir-Rabat u meta ġew lura marru joqogħdu fuq Santa Margerita. Xi żmien wara kienu marru Birżebbuġa f'dar li kienu bnew, iżda l-firda minn Bormla kienu jħossuha wisq l-aktar meta kien joqrob Diċembru.

Bħal tfal oħra, Leopoldu beda l-ewwel skola f'tan-Nuna li kienet tinsab fi Strada Sofija, wara mar fl-iskola tas-Sorijiet ta' San Franġisk. Għamel sena fil-Kulleġġ De La Salle (li dak iż-żmien kien għadu jinsab fi *Strada Buongiorno*) imbagħad mar f'tal-Gvern fejn tinsab illum. Iktar tard daħal fl-iskola tas-Sorijiet tas-St. Joseph, il-Mater Boni Consilii fir-Raħal Ġdid biex fl-1935, meta kellu ħdax-il sena, daħal fis-Seminarju ta' Malta. Fis-sena ta' wara beda jattendi s-Seminarju ta' Għawdex.

**Il-ġibda għas-Saċerdozju**

Filwaqt li l-ġibda għas-saċerdozju kienet għadha ħajja fih, ġewwa Għawdex bdiet tieħu l-ħmira tagħha. Dan għaliex f'Għawdex kien isir in-novizzjat tar-reliġjużi Kapuċċini, u hemm beda jitħallat magħhom ukoll. Dan kien iseħħ bis-saħħa tal-passiġġati li kienu jagħmlu s-seminaristi u n-novizzi Kapuċċini fil-ħinijiet tal-mistrieħ tagħhom. Kien hawn li sab patri Kapuċċin iħajru jattendi l-iskola Serafika li l-Kapuċċini kellhom fil-Kalkara. F'Diċembru 1939 daħal novizz mal-patrijiet tal-Kapuċċini u wara dam sitt snin student fil-Kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara.

**L-ewwel *Youth Centre mixed* u l-missjoni**

Meta qaddes fit-2 ta' April, 1949, intbagħat il-Marsa bħala organista kif ukoll biex jagħmel ħidma pastorali. Kien żmien meta l-Marsa kellha biss il-parroċċa tat-Trinità u l-knisja kellha bżonn ristrutturazzjoni fil-ġebla minħabba ħsara li ġarrbet fil-Gwerra. B'kollox dam għaxar snin. Mill-Marsa ntbagħat l-Imsieraħ (illum San Ġwann) fejn b'kollox dam 24 sena. Huwa kien l-ewwel Kappillan tal-lokal fejn dam 18-il sena. Fl-Imsieraħ waqqaf l-ewwel *Youth Centre mixed* f'pajjiżna.

Fuq talba tiegħu ntbagħat fid-djoċesi ta' Garissa, fil-Kenja, bħala missjunarju. Kellu 58 sena. Hemmhekk, jistqarr Patri Leopoldu Tabone, qatta' l-isbaħ tliet snin ta' ħajtu għaliex għex mal-fqar u fl-istess ħin kienu l-agħar għall-fatt li huwa ma kienx jaf isuq. Is-sewqan huwa essenzjali għall-missjunarju minħabba d-distanzi enormi li jrid jivvjaġġja ħalli jwettaq il-ħidma tiegħu. Dam il-Kenja bejn l-1983–86 fejn fost ħwejjeġ oħra waqqaf *Youth Centre* f'Wijir.

**Ta' 75 għadu attiv**

Wara l-missjoni qagħad fil-Kunvent ta' Sant'Antnin, fuq Kordin, fejn għadu sal-lum. Huwa waqqaf *Youth Centre* għaż-żgħażagħ li joqogħdu fl-inħawi tal-Kunvent. Dan il-post ġdid għal Patri Leopoldu kien ifisser xogħol ġdid. Sar Kappillan tal-Ħabs fir-Raħal il-Ġdid fejn għamel xogħol ta' *counselling*, xogħol spiritwali u kuntatt mal-familji tal-ħabsin.

Fl-1993, wara ħafna taħbit fetaħ *Welfare Home* ġewwa l-Fgura biex tipprovdi saqaf għal ftit żmien għal dawk l-irġiel li ma jkollhomx fejn jorqdu. Patri Leopoldu għaraf din il-ħtieġa wara li kienu jmorru diversi rġiel jitolbuh rifuġju fil-Kunvent ta' Sant'Antnin.

Fost in-nies li l-aktar impressjonawh, Patri Leopoldi Tabone jsemmi lill-ex-Arċipriet Duminku Cutajar minħabba l-eżattezza u l-puntwalità li kellu, kif ukoll il-ħila u l-qdusija li kien jara fl-iskultur Bormliż Abram Gatt.


**RENÈ PHOTOGRAPHER**

(FUQ SAN PAWL)

**Fejn issibu:**
**Għażla kbira ta' Frames u Albums ta' kull daqs u għal kull okkażjoni u Cameras bi Prezzijiet Moderati.**
**Tingħata FILM B'XEJN u ALBUM ma' kull film żviluppat.**
**Ritratti tal-Passaport u I.D. Cards fi ftit minuti**

**TEL: 828077**